MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 954/2001/1

**Saviour Sammut personalment u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Z.S. Company Limited**

**vs**

**Carmel Zammit**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur proprio et nomine sejjah lill-konvenut fuq indikat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat prevja d-dikjarazzjoni ta' responsabbilita' biex:**

**1. Ihallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' elfejn, sitt mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (LM2,627.27,0),**

**jew somma verjuri, rapprezentanti danni sofferti minnu rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Sarria, Floriana, fl-14 ta' Gunju tas-sena elfejn (2000), fejn waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru GAH-858 holoq l-imsemmi incident biex l-attur sofra danni fil-vettura tieghu bin-numru EBY – 577, u konsegwentement telf ta' qliegh, u liema incident sehh unikament minhabba tort, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**2. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-incident sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-incident meritu tal-kawza gara minghajr it-tort u n-negligenza tal-eccipjenti;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni huwa eccepit ulterjorment illi d-danni pretizi mill-attur huma ezagerati, kif huwa dettaljat ahjar fl-annessa skeda ppreparata mill-assikurazzjoni tal-eccipjent u mmarkata Dok A;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh fl-14 ta' Gunju tas-sena 2000 ghall-habta tas-7.15p.m. go Triq Sarria, il-Furjana;**

**2. Illi jirrizulta li waqt li l-karozza tal-linja bin-numru EBY-577 kienet qed tigi kondotta mill-attur fid-direzzjoni tal-Belt fit-triq fuq indikata, il-vettura tal-marka Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni GAH-858 misjuqa mill-konvenut hakkitu minn wara;**

**3. Illi l-attur isostni li kagun ta' dan l-ewwel impatt tal-vettura tal-konvenut hu baqa' diehel go tlett vetturi ohra ipparkjati peress li nhasad stante li l-vettura tal-konvenut ipprovat taqbzu minn naha tax-xellug;**

**4. Illi nonostante l-entita' tal-incident il-konvenut baqa' ma waqafx wara l-incident, peress li kif isostni hu stess, kien qed isuq fi stat mifxul, (ara fol 50);**

**5. Illi aktar tard filghaxija meta l-affarijiet personali tal-konvenut setghu jigu analizzati b'aktar kalma u fuq il-parir ghaqli ta' ohtu stess, il-konvenut mar l-ghassa tal-Belt fejn informa lill-pulizija bl-incident in dizamina;**

**6. Illi ghalkemm fid-deposizzjoni guramentata tieghu il-konvenut konvenjentement ma jiftakarx jekk iffirmax dikjarazzjoni li permezz taghha intrabat li jaghmel "tajjeb ghal hsara li giet ikkawzata meta…" kien "….involut f'incident stradali bil-vettura numru GAH-858 fl-14 ta' Gunju tas-sena 2000", is-Surgent involut jafferma li din id-dikjarazzjoni saret bl-aktar mod liberu u bl-ebda mod ma giet attakkata mill-konvenut;**

**7. Illi l-attur issostanzja l-ammont ta' danni minnu miltub permezz ta' din il-procedura billi pprezenta l-kontijiet relattivi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-konvenut stieden lil din il-qorti tikkonsidra d-differenza li tezisti bejn:**

**a. Dikjarazzjoni ta' responsabbilita'; u**

**b. Assunzjoni ta' l-oneru li jaghmel ghal hsara li giet ikkawzata fl-incident in dizamina;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad is-segwenti:**

**1. Illi assunzjoni ta' l-oneru fuq indikata jipprekludi lill-qorti milli tidhol f'analizi tar-responsabbilita' o meno ghall-incident de quo ghaliex tali assunzjoni tissupera kull analizi fattwali li tista' ssir;**

**2. Illi ghalkemm jirrizulta li fil-hin ta' l-incident il-konvenut kien fi stat ta' agitazzjoni pero' dan ma jimmilitax favur l-ezoneru tar-responsabbilita' tal-konvenut ghall-akkadut anzi jimmilita minflok biex jigi konkluz li kien verament mhux ghaqli ghall-konvenut li jsuq f'dak l-istat u allura jkollu jerfa' r-responsabbilita' kollha ghall-akkadut;**

**3. Illi r-responsabbilita' hekk assunta kif fuq sintetikament riferit (ara fol 65), ma giet bl-ebda mod minimizzata fl-atti tal-kawza u ghalhekk ghandha tregi;**

**Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrispingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-attur takkolji t-talbiet attrici u:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Carmel Zammit unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Saviour Sammut proprio et nomine fl-ammont indikat fl-avviz li ta bidu ghal din il-procedura, senjatament fl-ammont ta’ elfejn, sitt mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm2,627.27,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Carmel Zammit biex ihallas lill-attur Saviour Zammit proprio et nomine l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi;**

--------------------------------TMIEM--------------------------------